

31999L0075

5.8.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 206/19

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/75/KE**tat-22 ta' Lulju 1999****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/45/KE id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE tas-26 ta' Lulju 1995 li tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità fir-rigward ta' kuluri għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, kif emendat mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/34/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikoli 3(3)(a) tagħha;

Id-Direttiva 95/45/KE hija b'hekk emendata kif ġej:

Fl-Anness parti B il-kapitolu li jirrigwarda E 160a (i) Karoteni Mħallta huwa mibdul bit-test ta' l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ikel,

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex dawn ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1.7.2000. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

1. Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni

- (1) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar kuluri għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽³⁾ għandha listi ta' daww is-sustanzi li jistgħu jintużaw bħala kuluri fl-oġġetti ta' l-ikel.
- (2) Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE tas-26 ta' Lulju 1995 li tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità fir-rigward ta' kuluri għal użu fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽⁴⁾ stabbiliet il-kriterji ta' purità għall-kuluri msemmija fid-Direttiva 94/36/KE;
- (3) Billi huwa meħtieġ, fid-dawl tal-progress tekniku, li jiġu emendati l-kriterji ta' purità stabbiliti fid-Direttiva 95/45/KE għal karoteni mħallta (E 160 a (i)); billi huwa għaldaqstant meħtieġ li tiġi adottata din id-Direttiva;
- (4) Billi huwa approprijat li jiġu meqjusa l-ispeċifikazzjonijiet u l-metodi ta' teknika analitika għall-kuluri kif stabbiliti fil-*Codex Alimentarius* mill-Kumitat Konġunt ta' Esperti FAO/WHO dwar Addittivi ta' l-Ikel (JECFA);
- (5) Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel;

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27.⁽²⁾ ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 13.⁽⁴⁾ ĠU L 226, tat-22.9.1995, p. 1.

ANNESS

“E 160 a (i) karoteni mħallta

1. KAROTENI MILL-PJANTI

sinonimi	CI Orango ta' l-ikel 5		
tifsira	Il-Karoteni mħallta huma miksuba b'estratt ta' tidwib ta' tipi naturali ta' pjanti tajbin għall-ikel, zunnarija, żjut tal-ħxejjex, alfalfa (<i>Lucerne</i>) u ħurrieq. Il-prinċipju ewlieni tal-kulur jikkonsisti f'karotenojdi li minnhom il-beta-karote hija parti ewlenija. α, γ- Il-karotena u pigmenti oħrajn jistgħu ikunu preżenti. Apparti mill-pigmenti tal-kulur, din is-sustanza jista' jkun fiha żjut, xaħmijiet u xemgħat naturali li jinsabu fil-materjal tas-sorsi. Dawn is-solventi biss jistgħu jintużaw biss fl-estrazzjoni: <i>acetone, methyl ethyl ketone, metanol, etanol, propan-2-ol, hexane, dichloromethane</i> u karbonju diossidu.		
klassi	Karotenojd		
Kulur – Nru ta' l-indiċi	75130		
EINECS	230-636-6		
Formola kimika	β -Karotina $C_{40}H_{56}$		
Piż molekulari	β -Karotina 536,88		
Assay	Il-kontenut ta' karotini (ikkalkolati bħala β-Karotina) ma jkunx anqas minn 5 %. Għal prodotti miksuba b'estrazzjoni ta' żjut veġetali: mhux anqas minn 0.2 % f'xaħmijiet li jittiekl. 1 % $E_{1cm}^{1\%} = 2$ 500 fi <i>ca</i> 440 nm – 457 nm fi <i>cyclohexane</i>		
Identifikazzjoni			
A. Spettrometrija	Massimu ta' <i>cyclohexane</i> fi 440 nm – 457 nm u 470 nm – 486 nm		
Purità			
Residwi tas-solventi	Acetone Methyl ethyl ketone Metanol Propan-2-ol Hexane Ethanol	}	Mhux aktar minn 50 mg/kg. Singola jew f'taħlita
	Dichloromethane		Mhux aktar minn 10 mg/kg
Arseniku	Mhux aktar minn 3 mg/kg		
Ċomb	Mhux aktar minn 10 mg/kg		
Merkurju	Mhux aktar minn 1 mg/kg		
Kadmjum	Mhux aktar minn 1 mg/kg		
Metalli tqal (bħal Pb)	Mhux aktar minn 40 mg/kg		

2. KAROTENI MILL-ALGA

tifsira

Karotini mħallta magħmula mill-alga *Dunaleilla salina*, mkabbra fl-għadajjar kbar mielhin li jinsabu f'Whyalla, l-Awstralja ta'Isfel. Il-Beta-karotina hija estratta bl-użu ta' żejt essenzjali. Il-preparazzjoni hija 20-30 % sospenzjoni fiż-żejt tal-fażola tas-sojja li jkun fiha karotini mħallta magħmula mill-alga *Dunaleilla salina*, mkabbra fl-għadajjar kbar mielhin li jinsabu f'Whyalla, l-Awstralja ta' Isfel. Il-Beta-karotina hija estratta bl-użu ta' żejt essenzjali. Il-preparazzjoni hija 20-30 % sospenzjoni fiż-żejt tal-fażola tas-sojja li jkun fiha *tocopherols* naturali (sa 0,3 %). Ir-relattività ta' *trans cis*omers hija fil-medja ta' 50/50 – 71/29.

Il-prinċipju ewlieni tal-kulur jikkonsisti f'karotenojdi li minnhom il-beta-karote hija l-parti ewlenija. L-alfa-karotina, *lutein*, *zeaxanthin* u *beta-cryptoxanthin* jistgħu jkunu preżenti. Minbarra l-pigmenti tal-kulur, din is-sustanza jista' jkun fiha żjut, xaħmijiet u xemgħat naturali li jinsabu fil-materjal tas-sorsi.

klassi

Karotenojdi

Kulur – Nru ta' l-indiċi

75130

Assay

Kontenut ta' karotini (ikkalkolati bħala β -Karotina) ma jkunx anqas minn 20 %.**Identifikazzjoni**

A. Spettrometrija

Massimu ta' *cyclohexane* f'448 nm – 457 nm u 474 nm – 486 nm**Purità**

Arseniku

Mhux aktar minn 3 mg/kg

Ġomb

Mhux aktar minn 10 mg/kg

Merkurju

Mhux aktar minn 1 mg/kg

Kadmjum

Mhux aktar minn 1 mg/kg

Metalli tqal (bħal Pb)

Mhux aktar minn 40 mg/kg"